# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 30 ta' April 2002**

**Avviz. numru 1710/99**

**Numru 27**

**White Brothers Limited**

**vs**

**Carmelo Mamo Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata li thallas is-somma ta' tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm358.00) dovuti bhala prezz ta' servizzi ta' "Customs Clearance" lis-socjeta' konvenuta rezi fuq ordni tas-socjeta' konvenuta stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-27 ta' Ottubru 1999 u bl-imghax legali mid-data ta' l-invoice sal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta li biha eccepiet (fol 6 tal-istess atti) illi s-somma mitluba mis-socjeta attrici mhix dovuta stante li din s-somma tirraprezenta "overpayment" ta' Taxxa ta' Sisa fuq l-Importazzjoni li sar mill-istess socjeta attrici li negligentement iddikjarat l-oggetti importati bhala "steel products" meta fil-fatt kienu Aluminium Profiles u dana minkejja l-fatt Ii l-istess socjeta konvenuta kienet precedentement avzat lill-istess socjeta attrici li l-oggetti in kwistjoni kienu Aluminium Profiles u ghalhekk mhux soggetti ghat-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (ETI).

Ghaldaqstant it-talbiet kollha tas-socjeta attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tas-socjeta attrici (ara fol 38 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, in sostenn tat-talba in esami, s-socjeta' attrici ipproduciet bhala xhud lil Mario Ciantar (fol 10 u 13 tal-istess atti) li jmexxi l-istess socjeta' attrici spjega, illi din hi impenjata fix-xoghol kemm ta' "customs clearance agents" kemm ta' burdnar. In rigward s-socjeta konvenuta u in konnessjoni ma dan il-kaz, kellu jasal f'Malta, "container" importat minnha. Ghalhekk hi kienet ikkonsenjat id-dokumenti relattivi lis-socjeta attrici sabiex din tkun tista tipprocedi mad-Dipartiment tad-Dwana ghar-rilaxx tal-istess "container". L-istess xhud, in rigward dan, testwalment xehed "Mid-dokumenti li kien gabilna il-klijent (is-socjeta konvenuta ossija importatrici), kien(u) gudika(w) li fil-container kien hemm "steel structures". F'dan il-kaz kien sar "stipping" fid-Dwana fis-sens li l-kontenut tal-istess "container" gie "esaminat bicca bicca" u, f'dan l-istadju, kien gie konfermat li l-istess kontenut kien "steel structures" waqt li ma kien sar ebda "post entry". Inoltre is-socjeta importatrici kienet tat-"cheque" lis-socjeta attrici sabiex setghu jithallsu d-dazju u sisa. Wara li l-istess oggetti msemmija gew rilaxxxati u konsenjati lis-socjeta'

konvenuta, dik attrici kienet giet informata minn din illi, filfatt, l-oggetti ma kienux "steel structures" izda "aluminium profiles". In konferma ta' dan , kienet saret dikjarazzjoni mid-ditta barranija li kienet issuplixxiet l-istess oggetti (ara fol 21 ibid). Ghalhekk is-socjeta attrici kienet kitbet lid-Dwana Maltija dwar dan sabiex issir refuzjoni tat-taxxa zejda mhallsa. Pero l-istess Dwana ma rieditx taghmel dan (ara fol 15 u 16 tal-atti). Ghalhekk is-socjeta konvenuta fi kliem l-istess xhud "…. Fetlilhom li jzommu mill-pagamenti dovuti lilna l-ammont indikat fl-avviz" ossija "… zammew pagament ta' xoghol iehor ……". Waqt il-kontro esami, saret referenza ghad-dokument a fol 27 tal-atti specifikatament dak hemm enumerat 3003 in konnessjoni mal-ittri "ALL". Pero x-xhud ma setax jispjega x'kienu jfissru dawn it-tlett ittri. Inoltre hu irrefera ukoll ghaz-zewg ex-impjegati tas-socjeta attrici u li kienu involuti f'dan il-kaz ossija Vito Aufieri u Ronald Simiana (ara infra).

Ikkunsidrat

Illi giet prodotta Claire Mamo li tghin "lis-socjeta' konvenuta sabiex izzomm il-kitba taghha tal-kummerc". Dan ix-xhud spjegat li kienet hi li kienet hadet id-dokumenti gja msemmija ghand Ronald Simiana, dak iz-zmien, impjegat mas-socjeta'

attrici. In rigward l-ittra "ALL" kienet specifikat lill-istess Simiana li dawn l-ittri kienu jfissru "aluminium". Pero xorta wahda, kien sar zball u minflok "aluminium" is-socjeta attrici kienet dikjarat li l-oggetti kienu "steel structures" u b'hekk soggetti ghat-taxxa tas-sisa (ETI). Wara li, skond ix-xhud, kienet tkellmet mal-istess Aufieri u Simiana, dawn ammettew l-izball taghhom u qalulha li kienu ser jaghmlu "post entry" mad-Dwana u ghal dan il-ghan kien ikkonsenjat madwar gimgha wara li waslet f'Malta, l-merkanzija in kwistjoni, id-dikjarazzjoni , gja msemmija u li tinsab a fol 21 tal-atti. Inoltre, skond ix-xhud, dwar l-istess kaz "meta kitbu lid-Dwana, kien ghadda hafna zmien". Fl-ahharnett, ix-xhud in kontro esami, qalet li l-imsemmija Aufieri u Simiana ma kienux impjegati aktar mas-socjeta attrici. Filfatt accennat li dawn kienu impjegati, fl-istess xoghol, ma socjeta ohra, kompetituri ma dik attrici. Inoltre s-socjeta konvenuta kienet qed tinkariga lil din is-socjeta bl-istess tip ta' xoghol.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Vito Aufieri</u> (fol 31 et seq ibid) ikkonferma li f'dan il-kaz, kien sar zball mid-"dipartiment imexxi minnu" waqt li kien ghadu impjegat mas-socjeta' attrici fis-sens li kienet saret dikjarazzjoni hazina fuq id-dokumenti sottomessi lid-Dwana Maltija, ossija

hadid minflok aluminium. Minhabba hekk, is-socjeta konvenuta kienet hallset "aktar milli kien dovut". Pero, ma setax jindika min, fid-dipartiment tieghu kien ghamel dan l-izball. (ara ukolli x-xhieda ta' Ronald Simiana a fol 34 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-punti l-aktar sinifikattivi risultanti mill-provi prodotti, fil-fehma tal-Qorti, hu importanti li jigi notat li din il-kawza saret minhabba li s-socjeta konvenuta arbitrarjament ghamlet dak li jissejjah "esercizzju ta' dritt pretiz" ossija "ragion fattasi" billi minflok, tuza mezzi permessi mill-ligi, hadet il-ligi f'idejha u kif xehed, Mario Ciantar "zammew pagament ta' xoghol iehor ………" dovut lis-socjeta attrici. L-istess socjeta' konvenuta setghet jew tagixxi l-Qorti, "per azione jew permezz tal-procedura tal-kontro talba. Minflok uzat mezzi illegali sabiex tithallas l-ammont involut, li allegatament ma kienx dovut lid-Dipartiment tad-Dwana. Tali sitwazzjoni ma tistax tigi tollerata u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm358.00,0 bl-imghax legali mit-18 ta' Novembru 1999 sad-

data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tas-27 ta’ Ottubru 1999, b’riserva “si et quatenus” ghal kull dritt skond il-ligi spettanti lis-socjeta’ konvenuta.

Alan Calleja
Deputat Registratur